**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Illum,** 26 t'April, 2021

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Mercieca)**
**(Spettur Roderick Spiteri)**
**-vs-**
**Solomon Abrham Tekeludetentur ta' karta ta' l-identita' Maltija nru. 9000605A.**

***Kumpilazzjoni Nru. 566/2020***

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Solomon Abrham Tekelu** u ċioe` talli:

> Fil-lejl bejn it-23 u l-24 t'Ottubru, 2020, u/jew matul il-gimghat ta' qabel, f'diversi bnadi ta' Malta, b'diversi atti maghmulin mill-imputat, ukoll jekk fi zminijiet differenti, w li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:
>
> 1. b'mezzi xort'ohra minn dawk imsemmija fl-artikoli ta' qabel is-Sub-artikolu IV tat-Titolu IX tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta*, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg immobbli ta' haddiehor, cioe' ghadd ta' *bus shelters*, liema ammont tal-hsara jiskorri l-elfejn u hames mitt Euro (€2,500) ghad-dannu ta' *Faces Consultants Limited*, u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' jew entitajiet ohra;

2. iktar talli rrenda ruhu recidiv, ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenza definittiva datata 24 ta' Novembru, 2016, moghtija fil-konfront tieghu mill-magistrat Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.

Rat li waqt l-udjenza tad-19 t'April, 2021, l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu, u cioe` wara li l-imputat wiegeb li hu hati ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba w inghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga lura minnha.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, u ghaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja w inkondizjonata tieghu, il-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura serja tar-reati li jinsab imputat bihom l-imputat, tal-fedina penali tieghu minn fejn jirrizulta li l-imputat mhux xi *first-time offender*, tal-ammissjoni tieghu li wasslet wara li l-prosekuzzjoni ghalqet il-kaz taghha, kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, in partikolari tal-ammont ta' hsara li ghogbu jikkawza gratwitament u nspjegabbilment b'mod kontinwu, dik li lahhqet l-€15,082.40c[1]. Gie kkunsidrat li bl-ebda mod u fl-ebda hin ma l-imputat wera rimors ghall-ghemilu jew offra jikkumpensa l-parti leza. Dan

[1] Fol.21

ikompli jixhed il-periklu li tipprezenta din il-persuna ghall-komunita' jekk minghajr ma jkun hemm zmien biex tirrajibilita` ruhha verament, ma ghandhiex tithalla libera fis-socjeta`.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 17, 18, 49, 50 u 325(1)(a) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, u tikkundannah 32 xahar prigunerija.

Finalment ai termini tal-Artikolu 23 tal-Kodici Kriminali tordna l-konfiska w d-distruzzjoni tal-oggetti esebiti in atti (Esebit Dok.KG1[2] u Dok.JMZ3[3]) hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process-verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni. Tali dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' dawn il-proceduri mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**

[2] Fol.17
[3] Fol.176